qed jibqa' b'idejh marbuta, billi naqsu ħafna x-xogħol. U billi ma għandu ebda ħaġa oħra biex igħin ruħu u jitgħajjex, talbu li jagħtih il-grazzja, billi jġiegħel lil Attard jitlaq il-ħanut ta' ħdejn Putirjal, u jmur jaħdem is-sengħa tiegħu ma' sieħbu, fil-ħanut il-ġdid ta' ħdejn il-Barrakka t'Isfel.

Għat-talba ta' Kustanz Borg, l-Amministraturi għarrfu lill-Gvernatur li dana kien jaħdem f'wieħed minn dawk l-4 ħwienet li hemm taħt l-Università (Triq San Kristofru), qrib l-Istanzi Pubbliċi (Triq San Pawl). Iżda meta dawn il-ħwienet kellhom jitbattlu, biex jitħallew għal ħaġ'oħra, lil Borg tawh wieħed mill-ġodda ta' ħdejn il-Barrakka t'Isfel.

Nikol Attard kien jaħdem fil-ħanut taħt il-Kwartier ta' fuq Putirjal. Iżda, billi dan ġie ordnat li ma jqabbadx nirien aktar, minħabba d-dħaħen u l-ħsejjes li kien jagħmel, għalaq il-forġ, ħalla s-sengħa ta' ħaddied, u baqa' jaħdem biss f'dik ta' nagħal. Attard ma hu sħab ma' ħadd. Terġa', il-ħanut mogħti lil Kustanz Borg hu qrib ħafna lejn il-Bieb tax-Xatt, fejn 'il hemm ipoġġu ħafna nies bil-bhejjem tagħhom. Għalhekk, it-talba tiegħu ma għandhiex tiġi milqugħa. Kif hekk sar.

Wara xi xhur li saret it-talba ta' Borg, insibu oħra ta' Attard. Fiha qal li qed jaħdem ta' nagħal fit-triq id-dejqa ta' taħt il-Kwartier ta' Putirjal, billi jaqdi l-uffiċini kollha tal-Gvern. Xhur qabel, mhux biss ma ħallewhx iqabbad nirien aktar, imma ordnawlu wkoll biex jitlaq minn hemm. Fejn jaħdem iżjed ma kellux, u għalhekk ma satax jaqla' l-għajxien tiegħu, waqt li hu mgħobbi bil-familja. Iżda sama' li l-Furjana, qrib iċ-Ċimiterju (maġenb il-Knisja, in-naħa tal-Mall) jiġifieri taħt l-Ark (ma sibniex dan fejn kien), hemm kamra żgħira battala, u li hi meħtieġa ħafna għalih, biex fiha jaħdem is-sengħa tiegħu, bla ma jdejjaq lil ħadd hemm. Għalhekk talab li jikruhielu, waqt li hu mhejji li jħallas tagħha kemm jgħidulu.

Il-Gvernatur, f'Mejju ta' l-1811, ġiegħel lill-Amministraturi tal-Bini tal-Gvern biex jikruhielu.

## QWIEL IL-BIDWI

Kull andar għandu l-karfa tiegħu.
Il-għana mill-għanem (merħla), u l-għanem iġib il-għana (il-kant), igħid ir-raħħal.
Il-lsien il-moħriet fih il-għasel għar-raba'.
Min f'rokontu għandu l-barrada
Jidħak bis-sena l-farrada.



# Santu Wistin Studjat Bħala Kittieb

*Ta'* V. M. Pellegrini

BILLI din is-sena jaħbat is-sittax-il ċentinarju tat-twelid ta' Santu Wistin għalhekk huwa xieraq li anki "Il-Malti" bħala rivista letterarja, tfakkar din il-ġrajja, billi turi lil Santu Wistin bħala letterat.

Ħafna jaħsbu li Santu Wistin huwa biss l-awtur tal-"Qrariet" u forsi bħala l-protagonista ta' dak ir-rumanz storiku miktub minn Giovanni Papini, il-qalbieni difensur tad-demonju. Din l-allużjoni hi magħmula bla malizzja, iżda mhux mingħajr skop, għaliex jiena naħseb li l-Papini f'Santu Wistin jogħġbu iżjed il-bniedem milli l-Qaddis; l-istess kif bosta jaraw fil-"Qrariet", aktar ir-rumanz ta' ħajjiet Santu Wistin milli trattat fuq l-umiltà, fejn il-kittieb jikxef dak kollu li hu ta' sogħba u mistħij fit-tifkiriet tiegħu u fl-istess ħin jinseġ xogħol ta' tagħlim u siwi biex jagħti tama fil-ħniena bla qies li tinsab f'Alla u jqim lill-istess Alla b'ħeġġa u fervur kif jistħoqqlu.

Iżda Santu Wistin imbarra l-magħrufa "Qrariet" kiteb ukoll tlieta u disgħin trattat, imqassma f'mitejn tnejn u tletin ktieb, kif igħid hu stess fl-opra "Retractationes", li ġabar fiha dak kollu li matul ħajtu kien kiteb u, wara li fela bir-reqqa kollha l-istess kitba, qal ukoll fejn kellu xi ineżattezzi u ta tagħrif aħjar dwar l-istess xogħlijiet tiegħu. Ta' min ifakkar li kif kien qal Possidju fuq l-Isqof ta' Ippona, wara dak li Ġilormu kien kiteb fuq Origene, in-numru tax-xogħlijiet li kiteb Santu Wistin huwa hekk kbir li min irid tassew jaqrahom u jixtarrhom sewwa, bilkemm kemm jasal għal dan, kieku kellu jaħli ħajtu kollha fuqhom.

Barra mix-xogħlijiet ġà msemmija Santu Wistin sawwar ukoll bosta xogħlijiet oħra bħal ma huma dawk ta' natura filosofika, apoloġetika, dogmatika, polemika, antiarjana, morali kif ukoll bosta prietki u ittri mibgħuta lill-aqwa personalitajiet ta' żmenijietu, b'kollox kif jidher minn l-"Indiculus librorum tractatuum et epistolarum Sancti Augustini", miġbur minn l-imsemmi Possidju, Isqof ta' Kalama, u kittieb tal-ħajja tal-Qaddis, bejn wieħed u ieħor elf u tliet mitt biċċa xogħol, minbarra dawk li Possidju ma rnexxilux jiġbor.

U tabilħaqq f'Santu Wistin insibu miġbura kwalitajiet hekk għolja li l-istudjużi ta' kull żmien, meta tpoġġihom ħdejh jisfgħu